# 4. Kuntratti

Kuntratti ta’ xiri ta’ prodott jew servizz huwa ftehim li jorbot legalment kemm lill-bejjiegħ kif ukoll lill-konsumatur.

## 4.1 Termini tal-kuntratt

It-termini fil-kuntratti jistabbilixxu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet li għandhom il-partijiet involuti. Uħud mill-kuntratti li jsiru jkollhom termini u kundizzjonijiet standard li l-konsumaturi jiġu mitluba jffirmaw għalihom.

### 4.1.1 Drittijiet tal-konsumaturi

Kuntratti ta’ xiri għandhom jinkludu din  l-informazzjoni:

- Il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott jew servizz mixtri;
- L-isem u d-dettalji tal-bejjiegħ jew fornitur tas- servizz;
- Il-prezz finali;
- Meta applikabbli, l-arranġament ta’ ħlas u kunsinna;
- Meta applikabbli, it-tul tal-kuntratt u l-proċess li wiehed irid isegwi biex itemm il-kuntratt;
- Arranġamenti oħra li jkunu ġew mifthiema bil-fomm qabel ma jkun sar il-kuntratt.

Meta l-bejjiegħa ma jimxux mat-termini kuntrattwali li jkunu qablu magħhom, il-konsumaturi jkollhom id-dritt li jagħżlu li jtemmu l-kuntratt u jitolbu l-flus li ħallsu lura.

F’każ fejn il-prodott jew servizz ma jkunx konformi mal-kuntratt tax-xiri, il-konsumaturi jistgħu jitolbu lill-bejjiegħ sabiex jipprovdihom b’rimedju b’xejn.

Il-konsumaturi jistgħu jiftħu lment billi jimlew il-formola onlajn li tista' tiġi aċċessata billi tagħfas hawnhekk.

### 4.1.2 Responsabiltajiet tal-konsumaturi

Il-konsumaturi huma responsabbli li jaqraw sew u jifhmu l-klawsoli tal-kuntratt qabel ma jiffirmawh. Jekk ikun hemm bżonn, il-konsumaturi għandhom isaqsu għal kopja tal-kuntratt sabiex jaqrawh bil-kwiet id-dar qabel jiffirmawh.

Meta jkun hemm xi termini li mhumiex ċari, dawn għandhom jiġu diskussi mal-bejjiegħ. Il-konsumaturi għandhom ikunu ċerti li jekk isir xi tibdil fil-kuntratt, dan ikun iffirmat mill-bejjiegħ.

Jekk jiġi mħallas xi depożitu, il-konsumaturi għandhom ikunu ċerti li jingħataw prova ta' ħlas li jkun sar u li l-ammont li jkun tħallas jiġi mniżżel fil-kuntratt tax-xiri.

Il-konsumaturi għandhom jaraw li l-kundizzjonijiet li qablu fuqhom huma kollha mniżżla fil-kuntratt li jkun se jiġi ffirmat.

Il-konsumaturi għandhom jiftakru wkoll li ladarba l-bejgħ ikun ikkonfermat, ma jistgħux jibdlu fehemthom. Jekk jagħmlu dan, jaf ikollhom iħallsu xi penali jew ikollhom iħallsu l-ammont kollu li jkun ġie mifthiem.

### 4.1.3 Termini kuntrattwali inġusti

Terminu f'kuntratt jista' jitqies inġust jekk waħdu jew flimkien ma' termini oħra fl-istess kuntratt, joħloq żbilanċ sinifikanti bejn id-drittijiet u l-obligazzjonijiet li għandu l-konsumatur meta mqabbla ma' dawk tal-bejjiegħ jew fornitur tas-servizz.

Terminu inġust jipprova jnaqqas jew ineħħi wħud  mid-drittijiet legali li għandhom il-konsumaturi.

Termini kuntrattwali inġusti ma jorbtux legalment lill-konsumaturi u meta kuntratt ma jkunx jista' jkompli minħabba dak l-istess terminu, il-kuntratt ma jibqax jorbot legalment.

<u>4.1.3a Ezempji ta' termini kuntrattwali inġusti</u>

Kuntratti jistgħu jinkludu termini li:

- jillimitaw jew jeskludu l-obbligi tal-bejjiegħ f'kull sitwazzjoni possibbli;
- iħallu lill-bejjiegħ biss jittermina l-kuntratt tax-xiri;
- jippenalizzaw biss lill-konsumaturi f'każ li jiksru xi terminu jew itemmu l-kuntratt;
- iħallu biss lill-bejjiegħ jibdel xi termini fil-kuntratt mingħajr ma jagħti raġuni valida;
- jippermettu lill-bejjiegħ jestendi b'mod awtomatiku kuntratt li jkun għal żmien fiss fejn il-konsumatur ma jindikax mod ieħor;
- iħallu lill-bejjiegħ jgħolli l-prezz wara li l-kuntratt ikun ġie miftiehem u konkluż;
- jagħtu żmien vera qasir li fih il-konsumatur jista' javża lill-bejjiegħ b'xi difett;
- jitolbu lill-konsumatur iħallas b'kumpens lill-kummerċjant ammont ta' flus li jkun sproporzjonalment għoli ħdejn il-valur tal-oġġetti jew servizzi mixtrija jew mikrija;
- jagħtu d-dritt esklussiv lill-bejjiegħ li jinterpreta kif irid uħud mill-klawsoli fil-kuntratt;
- iħallu lill-bejjiegħ ibiddel iż-żmien li fih jikkunsinna l-oġġetti jew jipprovdi s-servizz.

Huwa pprojbit ukoll li l-bejjiegħa jorbtu lill-konsumaturi b'termini li ma kellhom l-ebda opportunità li jkunu jafu bihom meta sar il-kuntratt tax-xiri.

Termini inklużi f'kuntratti mal-konsumaturi m'għandhomx ikunu diffiċli biex jinftiehmu u għandhom ikunu miktubin b'mod ċar. Meta jkun hemm dubju dwar

it-tifsira ta' xi klawsola, għandha tittieħed it-tifsira l-iktar favorevoli għall-konsumatur.

4.1.3b Irrapporta termini kuntrattwali inġusti

Bejjiegħa li għandhom termini kuntrattwali inġusti jistgħu jiġu rrappurtati lill-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur ġewwa l-MCCAA.

Kif tista' tirrapporta terminu kuntrattwali inġust?

- B'ittra jew b'imejl

  Tista' tibgħat ittra indirizzata lid-Direttorat tal-Infurzar, Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, HMR 9010.

  Jew

  Tista' tibgħat imejl fuq info@mccaa.org.mt

- Imla l-formola għal nuqqasijiet fis-suq li tista' tigi aċċessata billi tagħfas hawnhekk